# Il-Ħadd 01.02.2015

1. Illum 01/02, **Jum il-Ħajja**.

2. It-Tnejn 02/02, **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju - Il-Gandlora**:
   - Fil-quddiesa tas-6:30pm ser ikollna t-tberik tad-dawl u mument qasir tat-talb għar-reliġjużi, jiġifieri għas-sorijiet u l-patrijiet li qed iħaddnu l-Ħajja Kkonsagrata, f'dan il-jum iddedikat għalihom.

3. Il-Ħamis 05/02:
   - Fis-7:00pm ser issir quddiesa mmexxija mill-Isqof Mons. Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku Sede Vacante fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta li tfakkar il-Kandlora u fiha kull parroċċa mistiedna tibgħat rappreżentanti għal din il-quddiesa.
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal tal-PrePreċett u dawk li qegħdin fil-preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof.  Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

4. Il-Ġimgħa 06/02, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
   - Fit-8.30pm ser issir laqgħa oħra għal dawk kollha li kienu jattendu
     l-Museum tas-Subien (Old Boys), fil-Museum stess.

5. Is-Sibt 07/02:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Il-Ħadd 08/02:
   - Fis-6:30pm, quddiesa speċjali mmexxija minn Mons. Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji Għarajjes li ser jiżżewġu matul din is-sena.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 180 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 440 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.  Grazzi mill-qalb.

8. Nitolbu għal Andrew Magri li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...